IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa
Kunsill Lokali Birgu
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

Minuti tal-Laqgha 01 (07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Ewwel Laqgha Numru 01 (07) tas-Sebgha Kunsill, fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar l-4 ta' Mejju, 2015 fis-sitta ta' filghaxija (6:00 pm)

L-ewwel Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

Accetazzjoni ta' Sindku
Accetazzjoni ta' Vici Sindku

**Prezenti**

Il-Kunsillier, is-Sur John Boxall
Il-Kunsillier, is-Sur Trevor Mizzi,
Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard,
Il-Kunsillier, is-Sur Eman Zerafa,
Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel,
Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

Peress li din kienet l-ewwel laqgha tas-Sebgha Kunsill, ippresieda is-Sur Lawrence Attard peress li s-Sur Attard huwa l-aktar persuna anzjana fil-Kunsill.

## Talba

Is-Siur Lawrence Attard  qal it-talba u ta bidu ghall-Laqgha numru 01(07).

1. Hatra ta' Sindku

Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, filwaqt li ferah lill-Kunsillera ghas-success taghhom, qal li li r-residenti tal-Birgu ghamlu l-ghazla taghhom u r-rizultat tal-elezzjoni lokali wera li s-Sur John Boxall kiseb l-ghola ghadd ta' voti.  Hawnhekk, il-Kunsillier,is-Sur Lawrence Attard talab lis-Sur John Boxall jekk jaccettax il-kariga ta' Sindku, peress li skont il-ligi tal-Kunsilli Lokali, il-kunsillier elett li fl-ahhar elezzjoni lokali kiseb l-ghola ghadd ta' voti mal-ewwel minn fost il-kandidati tal-parit politiku li kiseb il-maggoranza assoluta ta' kunsilliera u li f'ismu kien ikkontesta, ikun elett Sindku.

Is-Sur John Boxall accetta l-kariga, u qara l-accettazzjoni tal-kariga tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Hawnhekk il-Kunsillier Lawrence Attard filwaqt li ferah lis-Sur John Boxall ghall-kariga tieghu, esprima x-xewqa tieghu li kull kunsillier ikollu l-opportunita' li jesprimi l-ideat tieghu u li dawn jigu mismugha mill-bqija tal-kunsilliera.  Wera x-xewqa ukoll li l-ewwel interess ghal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandhom ikunu r-residenti tal-Birgu, u li jkun hemm agenda wahda, dik li tkun l' boghod mill-politika partiggjana.

F'dan il-waqt, il-Kunsillier Lawrence Attard ceda postu lis-Sindku, is-Sur John Boxall, li filwaqt li awgura lill-

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv

Kunsilliera ghas-success li kisbu fl-elezzjoni lokali, wieghdhom l-ghajnuna tieghu tul din il-legislatura.

## 2. Hatra ta' Vici Sindku

il-Sindku, is-Sur John Boxall, talab lis-Sur Trevor Mizzi, jekk jaccettax il-kariga ta' Vici Sindku, peress li skont il-ligi tal-Kunsilli Lokali, il-kunsillier elett li fl-ahhar elezzjoni lokali li jikseb l-ghola ghadd ta' voti wara s-Sindku minn fost il-kandidati tal-parit politiku li kiseb il-maggoranza assoluta ta' kunsilliera u li f'ismu kien ikkontesta, ikun elett Vici Sindku.

Is-Sur Trevor Mizzi accetta l-kariga, u qara l-accettazzjoni tal-kariga tieghu bhala Vici Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

## 3. Aggornament

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, issuggerixxa lill-kunsilliera prezenti sabiex il-Kunsill jibda jiltaqa' kull hmistax, cioe' kull nhar ta' Tlieta fis-6:00 ta' filghaxija, tal-ewwel u l-ahhar gimgha ta' kull xahar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha giet fi tmiemha fis-sebgha ta' filghaxija (7:00pm) u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju, 2015 fis-6:00 ta' filghaxija.

| ___________________________ | ___________________________ |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Approvati llum ................................................

_______________________________________________________

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv